**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU SITTA U ĦAMSIN**

**23 TA' JANNAR, 2019**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-Viċi Chairperson Maria Schembri, l-membri Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **56.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 56.1.1 | | Il-membru Joseph Dámato informa li hu ma jiflaħx u ma setgħax jiġi għas-seduta. L-appoloġija ġie aċċettata. |
| | | |
| | | |
| **56.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 56.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Erbgħa u ħamsin –il seduta. |
| ***56.3*** | | ***SUĠĠERIMENTI U LMENTI WAQT IL-LAQGĦA ANNWALI*** |
| | | |
| 56.3.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn is-suġġerimenti li kienu mressqa mir-residenti: |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Biex terġa issir ħofra fi Triq ir-rettur fejn hemm il-crash barrier, ħalli tkun tista tintuża għall-armar tal-Milied. Kien hemm qbil li titaffer oħra aktar 'l fuq. Kien hemm qbil li jiġu msewwija t-tiżjin li sar u nitolbu liż-żewġ għaqdiet jekk jaqblux li dejjem jarmaw l-istess post.<br>• Residenti ta' Triq it-Torri qed jilmentaw fuq il-linji sofor li saru quddiem garaxx għaliex is-sid għandu vettura kbira. Kien hemm qbil li l-linji jiqsaru li jiġi eżatt sa faċċata tal-garaxx u mhux iżjed.<br>• Tresqet l-email li ġiet riċevuta llum fuq Triq Santa Marija. Il-membru Kevin Sam Farrugia mar fuq il-post u saret diskussjoni fuq dak li nnota.<br><br>1. *It-tabella tal-one way li tinsab imwaħħla ma arblu, tiġi mwaħħla ma pole ġdid aktar qrib il-kantuniera;*<br>2. *titwaħħal tabella ta' no entry oħra fuq pole viċin ħafna tar-residenza tal-persuna li qed tagħmel l-ilment;*<br>3. *issir tabella ġdida fuq pole - no trucks minflok li hemm eżistenti bl-isticker fuqha*<br>4. *isir komunikat mal-kuntrattur li jwaħħlilna l-bollards biex jekk hu possibbli jwaħħal bollard aktar wiesa fl-istess post li bħalissa tinsab il-bollard li qed tipproteġi r-residenza tal persuna li qed tagħmel l-ilment. Din ma tistax tkun ta' ostaklu għall-vetturi.*<br>5. *Sadanittant il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart taż-Żurrieq ġie avżat biex ma jgħaddix bi scammel kbir minn dik it-triq.*<br>6. *Jekk il- persuna li qed tagħmel l-ilment tinnota xi vettri kbar li jgħaddu mit-triq tista tieħu ritratt u tagħddih jew lill-Kunsill jew l-għassa direttament biex tittieħed azzjoni.* |
| | | |
| 56.3.2 | | Il-membru Kevin Sam Farrugia ssuġġerixxa li jekk joqgħodu iżjed parking bays fi Triq ir-Rettur, għandhom jisżdiedu. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 56.3.3 | | Il-Viċi chairperson Maria Schembri qalet li t-tfal fl-attivita' tal-Milied ħadu gost u jridu iżjed attivitajiet simili. |
| | | |
| 56.3.4 | | Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied tal-Kumitat Amministrattiv issir nhar il-Ġimgħa 8 ta' Frar, 2019 fil-Marsa Sports Club. |
| | | |
| ***56.4*** | | ***Data u ħin tas-seduta li jmiss u data tal-laqgħa annwali*** |
| | | |
| 56.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li id-data tal-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 27 ta' Frar, 2019 fil-17:30, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. |

Konfermati, illum ___27___ ta' FRAR, 2019.

IFFIRMAT
Pierre Farrugia
**Chairperson**

IFFIRMAT
Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**